MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta ta' l-14 ta' Gunju, 2007

Numru 904/2006

**Il-Pulizija**
**Spettur Joseph Agius**
**V**

**ANNA BORG**

**Il-Qorti;**

Rat li l-imputata **ANNA BORG** ta’ sebgha w tletin sena bint Alfred Borg u Antoniette nee Xuereb, imwielda H’Attard nhar s-sitta ta’ Gunju 1969 u residenti 39, ‘Berakah’, Vjal t-Torri, Gudja, detentrici tal-karta tal-identita numru 37969M giet mressqa quddiemha akkuzata:

1. Talli nhar il-hmistax ta’ Gunju 2006, ghal habta tas-saghtejn ta’ wara nofsinhar fi Vjal t-Torri, Gudja, minghajr l-hsieb li toqtol jew li tqieghed il-hajja ta’ Emanuel Farrugia f’periklu car, ikkagunat hsara fil-fisem jew fis-sahha tal-istess Emanuel Farrugia billi kkagunatlu

feriti ta’ natura gravi kif iccertifika Doctor A. Portelli tal-Paola Health Centre;

2. Talli fl-istess jum, lok u cirkostanzi, voluntarjament kisret l-paci pubblika b’ghajjat u storbju u glied.

Il-Qorti giet mitluba sabiex f’kaz ta’ htija, tapplika l-artikoli 383(1) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Rat l-atti kollha tal-kawza w id-dokumenti kollha esbiti fosthom l-kunsens tal-Avukat Generali datat sbatax ta’ Awissu 2006 [fol 4] sabiex fin-nuqqas t'oggezzjoni da parti tal-imputata din il-kawza tigi trattata bi procedura sommarja.

Semghet lil imputata tiddikjara fis-seduta ta' nhar t-tmintax ta’ Settembru 2006 li ma kellhiex oggezzjoni li din il-kawza tigi trattata u deciza minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha fuq riferuta u dan meta sar l-ezami ai termini tal-artikolu 370(4), 390(1) u 392 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta [fol 8].

Semghet lix-xhieda kollha prodotta mill-prosekuzzjoni kif wkoll lil imputata tixhed minn jeddha b’mod voluntarju.

Semghet lil partijiet jittrattaw il-kawza fis-seduta ta’ nhar t-tmienja ta’ Mejju 2007.

Ikkunsidrat:

Illi nhar t-tmintax ta’ Settembru 2006, **xehed Emanuel Farrugia** [fol 9] fejn spjega kif nhar s-sittax ta’ Gunju 2006 kien spicca mix-xoghol u mar d-dar ghal habta tas-siegha w kwart ta’ wara nofsinhar u sab lil ibnu ta’ erbatax il-sena jistennih. Huwa mar fuq jilghab bil-*play station* ma ibnu u martu telghet tigri tghajjat mieghu u hebbet ghalih. Huwa dar fuq ibnu u qallu biex johrog u martu qabdet inkwadru li kien hemm imdendel mal-hajt u libsitulu f’rasu bil-hgiega b’kollox. Bhala konsegwenza huwa spicca ferut b’hafna demm hiereg minn rasu u mar il-poliklinika fejn ghamlulu numru ta’ punti w imbaghad baqa sejjer l-ghassa jaghmel

rapport. Mistoqsi ghaliex hebbet ghalih martu, wiegeb li ma kienx hemm raguni pero huma dejjem jiggieldu. Huwa esibixxa certifikat mediku dwar il-feriti li sofra datata hmistax ta’ Gunju 2006 li gie mmarkat bhala dokument Z [fol 12].

Huwa fil-fatt stqarr wkoll li martu l-hin kollu tibghatlu messaggi t’insulti u theddid u fil-fatt esibixxa l-*mobile phone* tieghu sabiex jigi ezaminat. Mistoqsi kienux wahedhom d-dar, x-xhud stqarr li kien hemm ibnu li ra kollox kif wkoll habib tieghu certu Brendon. Qal wkoll li dan ma kienx l-uniku incident vjolenti bejniethom.

Mistoqsi in kontr’ezami jekk kienx minnu li dakinhar huwa tefa’ siggu fil-konfront ta’ martu, huwa wiegeb fin-negattiv. Zied jghid anzi li ftit qabel martu kienet marret ghalih Ta’ Qali fejn jahdem w imblukkatlu t-triq u hebbet ghalih u qattatlu l-flokk. Cahad li huwa kien hebb ghal martu jew li pprova jidhol hdejha meta kienet fil-kamra tal-banju. Qal li martu qabdet u libsitu l-inkwadru ghal xejn b’xejn, waqt li hu kien qed ihares la gemba.

Illi nhar t-tmintax ta’ Settembru 2006 **xehed PS 1386 Anthony Agius** [fol 13] w ikkonferma li nhar il-hmistax ta’ Gunju 2006, huwa kien stazzjonat l-ghassa tal-pulizija z-Zejtun meta ghal habta tat-tlieta neqsin ghaxra ta’ wara nofsinhar, dahal l-ghassa certu Emanuel Farrugia w irrapporta li kien ghadu kemm gie attakkat minn martu. Huwa fil-fatt ha l-okkorrenza relattiva u esibiha l-Qorti bhala dokument PS [fol 15]. Ftit wara dahlet l-ghassa l-imputata u qalet li meta marret d-dar inqala argument ma zewgha, dan qabad sikkina u kien heddidha biha u qalilha l-kliem ‘b’din noqtlok’. Hi kkonfermatlu li dahlet fil-kamra tal-banju u hi u diehla rat inkwadru mdendel mal-hajt u gabritu biex tiddefendi ruhha u zewgha baqa diehel fl-inkwadru w ikkawzatlu l-feriti li kellu.

Ix-xhud ikkonferma li meta mar d-dar taghhom biex jigbor l- inkwadru sab wkoll siggu maqsum. Mistoqsi jafx xi haga fuq s-siggu, x-xhud qal li l-imputata qaltlu li kien inkiser waqt l-argument li kellhom, pero qal li ma qaltlu

xejn dwaru u li kien ghalhekk li ma kiteb xejn dwar dan s-siggu fl-okkorrenza mehuda minnu.

Illi nhar t-tmintax ta’ Settembru 2006 **xehed PC 1203 Schembri** [fol 18] fejn ikkonferma r-rapport li ghamel Emanuel Farrugia l-ghassa dakinhar tal-hmistax ta’ Gunju 2006. Ikkonferma li dan Emanuel Farrugia qallhom li martu l-imputata rieditu jmur ghand l-avukat biex jiffirma xi karti wara s-separazzjoni taghhom u huwa ma ridtx imur w appena qaltlu hekk, qabdet inkwadru u kissritu fuq rasu. Ikkonferma wkoll li l-imputata dahlet l-ghassa wara dan r-rapport u qalet li zewgha qabad sikkina u qalilha l-kliem ‘b’din inxoqqok’ u li pprova jifgaha, taha xi daqqiet ta’ sieq w ipprova iwaddabha mit-tarag ghal isfel. Qal li l-imputata qaltlu li kellha bzonn l- inkwadru biex tiddefendi ruhha. Marki vizibbli li wegghet hu ma rax fuq il-persuna tal-imputata pero qal li allegatament certifikat mediku hadet l-ghassa.

Mistoqsi x’ra meta mar ghandha, ix-xhud qal li ra siggu miksur u l-imputata qaltlu li zewgha waddbu minn fuq ghal fuqha. Pero dwar il-kwistjoni ta’ skieken ma ftakar xejn.

Illi nhar t-tmintax ta’ Settembru 2006 il-Qorti nnominat lil Doctor Eileen Borg sabiex tezamina lil Emanuel Farrugia sabiex tiddeskrivi n-natura tal-feriti li kellu b’mod partikolari jekk jammontawx ghal sfregju.

Illi nhar t-tnejn w ghoxrin ta’ Novembru 2006 Doctor Eileen Borg ippresentat r-rapport taghha li gie mmarkata bhala dokument EB u dan wara li hi kienet ezamiant lil Emanuel Farrugia nhar l-erbatax ta’ Ottubru 2006 fl-isptar Boffa u kkonkludiet li l-feriti subiti minnu kienu ta’ natura gravi u jikkostitwixxu sfregju fit-termini tal-ligi.

Fl-istess jum tat-tmintax ta’ Settembru 2006 il-Qorti nnominat lil Martin Bajada sabiex jezamina l-*mobile phone* ta’ Emanuel Farrugia esibit fl-atti u nhar d-disgha w ghoxrin ta’ Novembru 2006, hu esibixxa r-relazzjoni tieghu li giet mmarkata bhala dokument MB [fol 29].

Illi minn ezami tal-istess jirrizulta li Emanuel Farrugia fix-xahar ta’ Awissu 2006, kien ircieva diversi messaggi bi kliem mhux xieraq u xi kliem ta’ theddid pero ma jirrizultax minn ghand min gew mibghuta.

Skond l-*index* mizmum fil-*mobile phone* ‘n kwistjoni jirrizulta li n-numru 79692820 jghajjat lil xi hadd Darshion u min hi jew hu din il-persuna ma jirrizultax w ghalhekk dan r-rapport ma jikkostitwixxi ebda prova.

Illi nhar d-disgha w ghoxrin ta’ Novembru 2006 **xehdet l-imputata** [fol 47] fejn ikkonfermat li Emanuel Farrugia huwa zewgha pero jinsabu *de facto* separati ghal dawn l-ahhar tlett snin. Qalet li nhar l-hmistax ta’ Gunju 2006 hija kienet d-dar u zewgha beda jigri warajha b’sikkina u jghidilha ‘b’din inxoqqok’ waqt li kienu fil-kcina. Aktar tard wara nofsinhar, tghid li kienet qed tinhasel u zewgha wasal lura d-dar mix-xoghol u dahal fuqha u pprova jifgaha u jghidilha kliem mhux xieraq u hi bdiet tghajjat. Binha mar hdejha u ghalhekk zewgha telaqha wahedha. Rapport mal-pulizija dwar l-incident bis-sikkina hi m’ghamlitx. Waqt li kienet hierga mill-kamra tal-banju regghet rat lil zewgha se jmur ghaliha u qabdet inkwadru w imbuttat lil zewgha lil hinn bih u x’gara aktar ma tafx. Qalet li mbaghad marret taghmel rapport l-ghassa. Hi kkonfermat li certifikat mediku relattiv ta’ xi griehi li kellha ma ppresentat qatt, kuntarjament ghal deak li qal PC 1202 Schembri.

Ikkunsidrat ulterjorment:

Illi l-prosekuzzjoni qed tallega li l-imputata aggediet lil zewgha Emanuel Farrugia billi libsitlu l-inkwadru bil-hgieg go rasu u fil-process ikkagunatlu ferita ta’ natura gravi. L-imputata minn naha taghha, tghid li zewgha hebb ghaliha u sabiex tiddefendi lilha nnifisha, qabdet l-inkwadru u gara dak li effettivament gara.

Illi ghalhekk ma hemmx dubbju li kollox jiddependi fuq kredibilita tax-xhieda u dan hu proprju l-ezercizzju li trid taghmel din il-Qorti.

Il-Qorti ezaminat bir-reqqa kollha l-provi kollha migbura u thoss li l-alternattivi huma tnejn, jew li l-imputata qed tghid il-verita jew mhiex.  Pero fic-cirkostanzi kif inhuma u kif jirrizultaw fil-processs, biex din il-Qorti tasal ghal konkluzzjoni li l-imputata mhux hatja tad-delitt imputat lilha, trid wkoll tasal ghal konkluzzjoni li kien hemm fil-kaz u fil-konfront taghha, speci ta' kongura minn persuna biex taddebitalha delitt li ma kkommettitx.

Din il-Qorti hija f'posizzjoni ferm aktar favorevoli minn Qrati ohra meta tigi sabiex taghmel apprezzament tax-xhieda u dan ghaliex ghexet il-process kollu tul medda ta' zmien u ghalhekk kienet f'posizzjoni, wara li semghet x-xhieda kollha jixhdu viva voce quddiemha, tezamina l-imgieba u l-komportament taghhom stante li kienet hi stess li kkonstatathom x'interess setgha kellu xi xhud f'dak li xehed u jekk dak li qal kellux mis-sewwa jew le.

Huwa minnu li f'kaz ta' konflitt ta' provi, il-Qorti ghandha tillibera favur l-imputata pero huwa minn wkoll, kif gie deciz mill-***Qorti tal-Appell Kriminali fid-dsatax ta' April, 1997*** fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija v Graham Ducker** li;

"*It is true that conflicting evidence per se does not necessarily mean that whoever has to judge may not come to a conclusion of guilt; whoever has to judge may, after consideration of all circumstances of the case, dismiss one version and accept as true the opposing one*".

Huwa minnu wkoll kif hemm imnizzel fl-artikolu 638(2) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, li x-xhieda ta' xhud wiehed biss, jekk emnut minn min ghandu jiggudika fuq il-fatt, hija bizzejjed biex taghmel prova shiha u kompluta minn kollox, daqs kemm kieku l-fatt gie ppruvat minn zewg xhieda jew aktar.  Ghalhekk jispetta lil Qorti tara liema hija l-aktar xhieda kredibbli u vero simili fic-cirkostanzi u dan a bazi tal-possibilita.  Huwa veru wkoll li l-Qorti ghandha tqis provi cirkostanzjali jew indizzjarji sabiex tara jekk hemmx irbit bejn l-imputat u l-allegat reat.  Dan qed jinghad ghaliex ghalkemm huwa veru li fil-kamp penali, l-provi ndizzjarji hafna drabi huma aktar importanti mill-provi

diretti, pero hu veru wkoll li provi ndizzjarji jridu jigu ezaminati b'aktar attenzjoni sabiex il-gudikant jaccerta ruhu li huma univoci.

Fil-fatt il-Qorti hawnhekk taghmel referenza ghal sentenza moghtija mill-***Qorti tal-Appell Kriminali fil-hmistax ta' Gunju, 1998*** fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija v Joseph Lee Borg**, fejn kien gie ritenut li provi jew indizzji cirkostanzjali, ghandhom ikunu univoci, cioe mhux ambigwi. Ghandhom ikunu ndizzji evidenti li jorbtu lil akkuzat mar-reat u hadd iktar, anzi l-akkuzat biss, li hu l-hati w l-provi li jigu mressqa, jkunu kompatibbli mal-presunzjoni tal-innocenza tieghu.

Il-Qorti ghalhekk ghandha taghmel apprezzament tal-fatti fl-isfond tas-suespost.

Illi mill-provi prodotta mill-Prosekuzzjoni jirrizulta li hemm zewg versjonijiet ta’ dak li allegatament gara u dan kif moghtija miz-zewg xhieda principali u cioe l-imputata w il-vittma.

Illi l-vittma Emanuel Farrugia jghid li kien d-dar jilghab bil-*play station* ma ibnu, meta martu dahlet d-dar, qabdet l-inkwadru u libsitulu f’rasu ghaliex ma riedtx jikkopera maghha u jiffirma xi atti ghand l-avukat dwar s-separazzjoni ta’ bejniethom. Innega li hu hebb ghal martu dakinhar. Din hija l-istess versjoni li l-vittma ta lil PS 1386 Anthony Agius ftit minuti wara l-incident kif jirrizulta mix-xhieda li l-istess PS 1386 Anthony Agius ta l-Qorti, kif wkoll minn ezami tal-okkorrenza esibita a fol 15 et seq tal-atti.

L-imputata invece, rrappurtata lil PS 1386 Anthony Agius li kien inqala argument ma zewgha fl-ghodwa tal-jum tal-incident u hu beda jheddidha u jghidilha li kliem ‘b’din nxoqqok’, li tlewwmu bejniethom u x’hin aktar tard wara nofsinhar, dahlet fil-kamra tal-banju, qabdet inkwadru li kien hemm imdendel u sabiex tiddefendi lilha nnifisha mill-aggressjoni ta’ zewgha, zewgha baqa diehel fl-inkwadru. Qalet wkoll li s-siggu li kien hemm, inkiser waqt l-

argument li kellha. Hi ma semmiet xejn dwar skieken, kuntrarjament ghal dak li qalet l-Qorti.

PC 1203 Schembri jghid li fdalijiet ta' inkwadru kien hemm mal-art u gabarhom. Jghid wkoll li l-imputata semmiet li Emanuel Farrugia waddab s-siggu minn fuq ghal isfel u li hija qabdet l-inkwadru sabiex tiddefendi ruha mill-aggressjoni ta' zewgha. Mistoqsi jekk hi kellhiex xi marki vizibbli, x-xhud jghid li hu ma rax.

L-imputata, meta xehdet l-Qorti, qalet li dakinhar zewgha beda jigri warajha filghodu u jghid il-kliem 'b'din inxoqqok' b'referenza ghal sikkina li kellu f'idejh zewgha waqt li kienu fil-kcina. Pero dan l-incident ma kienx gie rappurtat. Aktar tard dakinhar wara nofsinhar, stqarret li kienet fil-kamra tal-banju u zewgha gie mix-xoghol, fetah l-bieb w ipprova jifgaha. Wara xi hin waqaf isawwatha u hareg 'l barra. Meta hija kienet hierga mill-kamra tal-banju regghet rat lil zewgha gej ghaliha w ghalhekk imbuttat lil zewgha bl-inkwadru, ghalkemm qalet li zewgha sawwatha bla hniena, certifikat mediku m'ghamlitx.

Id-difiza sostniet li l-imputata agixxiet in legittima difesa taghha. Din il-Qorti, ma taqbel xejn ma dak sottomess ghaliex fl-ewwel lok ma temminx x-xhieda tal-imputata u cioe li zewgha dahal fil-kamra tal-banju w aggrediha, u dan ghaliex kieku veru ried jifgaha, kien ikun hemm xi marki jew feriti w irrizulta li ma kienx hemm, u fit-tieni lok, ma temminx li hi qabdet l-inkwadru sabiex timbuttah lil hinn. Huwa ovvju li l-imputata kienet ghadha rrabbjata minhabba l-incident li kien sehh dakinhar filghodu u hija qabdet l-inkwadru kiesah u biered biex tpattihilu.

Kien ikun kaz ta' *self defence* kieku qabdet l-inkwadru f'idejha fil-ghodu waqt l-allegata aggressjoni u <u>mhux</u> tistenna li tikkalma s-skitwazzjoni u tmur tpattihielu wara nofsinhar u tferieh w imbaghad tghid li agixxiet in legittima difesa.

Il-Qorti rat dak li xehdet Doctor Eileen Borg u cioe li l-feriti li sofra Emanuel Farrugia f'dan l-incident kienu ta' natura

gravi w ghalhekk, **wara li rat l-artikoli tal-ligi partikolarment l-artikolu 214 u 216(b) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, tiddikjara li qed ssib lil imputata ANNA BORG hatja tal-ewwel akkuza u tiddecidi li tikkundannaha ghal perjodu ta' sena priginerija, pero peress li mill-provi prodotti jirrizulta li l-imputata ghandha fedina penali netta, minghajr ebda tebgha ta' kontravenzjoni jew reat registrat fuqha, tordna li l-operat ta' din s-sentenza jigi sospiz ghal perjodu ta' sentejn [2] mill-lum ai termini tal-artikolu 28A tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.**

**Dwar t-tieni [2] akkuza u cioe l-kontravenzjoni ta' ksur tal-paci pubblika, peress li l-incident sar f'fond residenzjali, m'inkiser ebda paci pubblika w ghalhekk il-Qorti tillibera lil imputata minn din l-akkuza.**

**In oltre, ai fini tal-artikolu 533 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, l-Qorti tikkundanna lil imputata thallas l-ispejjes inkorsi mal-hatra ta' Doctor Eileen Borg [fol 25] u Martin Bajada [fol 32] f'din il-kumpilazzjoni, fl-ammont komplessiv ta' mija erbgha w hamsin lira u disgha w sebghin centezmu [LM 154.79] u dan fi zmien xahrejn [2] mill-lum u f'kaz li tonqos li thallas dan l-ammont, dan jigi konvertit fi prigunerija bir-rata ta' gurnata habs ghal kull hames [5] liri dovuta.**

**Tordna li kopja ta' din s-sentenza tigi notifkata lid-Direttur tal-Qorti Kriminali ghal dan l-ghan.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------